Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 28 ta' Jannar 2021**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2020/0373(NLE)**

**13918/20**
**ADD 1 REV 1**

**UK 117**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2020) 841 final/2 - ANNEX 1 |
| Suġġett: | ANNESS ta' Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi lista ta' 25 persuna li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim u f'lista ta' riżerva ta' persuni li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-Unjoni ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 841 final/2 - ANNEX 1.

---

Mehmuż: COM(2020) 841 final/2 - ANNEX 1

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.1.2021
COM(2020) 841 final/2

ANNEX 1

COM(2020) 841 final of 14.12.2020 downgraded on 27.1.2021

# ANNESS

**ta'**

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi lista ta' 25 persuna li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim u f'lista ta' riżerva ta' persuni li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-Unjoni ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim**

## ANNESS I

**Id-Deċiżjoni Nru …/2020 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika**

**ta' XXX**

**li tistabbilixxi lista ta’ 25 persuna li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta’ bord ta’ arbitraġġ skont il-Ftehim u f’lista ta’ riżerva ta’ persuni li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-Unjoni ta’ bord ta’ arbitraġġ skont il-Ftehim**

Il-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika[1] (“il-Ftehim dwar il-Ħruġ”), u b’mod partikolari l-Artikolu 171(1) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 171(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-Kumitat Konġunt għandu, sa mhux aktar tard minn tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni stabbilit skont dan il-Ftehim, jistabbilixxi lista ta’ 25 persuna li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta’ bord ta’ arbitraġġ,

(2) Skont l-Artikolu 171(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, Il-lista għandha tikkonsisti biss minn persuni li ma jkun hemm l-ebda dubju dwar l-indipendenza tagħhom, li jkollhom il-kwalifiki meħtieġa għall-ħatra tal-ogħla kariga ġudizzjarja fil-pajjiżi rispettivi tagħhom jew li jkunu ġurikonsulti ta’ kompetenza rikonoxxuta, u li jkollhom għarfien speċjalizzat jew esperjenza tad-dritt tal-Unjoni u tad-dritt internazzjonali pubbliku. Dawn il persuni ma għandhomx ikunu membri, uffiċjali jew aġenti oħra tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, tal-gvern ta’ Stat Membru, jew tal-gvern tar-Renju Unit,

(3) Fid-dawl tal-proposta konġunta mill-Unjoni u r-Renju Unit ta’ ħames persuni għall-funzjoni ta’ president tal-bord ta’ arbitraġġ, u l-proposti rispettivi mill-Unjoni u mir-Renju Unit ta’ 10 persuni għall-funzjoni tal-membri tal-bord ta’ arbitraġġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-lista ta’ 25 persuna lesti u kapaċi jservu bħala arbitri skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ hija stabbilita fl-Anness I.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2021.

Magħmul fi …,

*Għall-Kumitat Konġunt*
*Il-Kopresidenti*

[1] ĠU L 29, 31.1.2020, p.7.

<u>**ANNESS I**</u>

**Mad-Deċiżjoni Nru …/2020 tal-Kumitat Konġunt**

**Presidenti għall-Bord tal-Arbitraġġ tal-Ftehim dwar il-Ħruġ**

Corinna Wissels

Angelika Helene Anna Nussberger

Jan Klucka

Sir Daniel Bethlehem

Gabrielle Kaufmann-Kohler

**Membri ordinarji għall-Bord tal-Arbitraġġ tal-Ftehim dwar il-Ħruġ**

**L-UE:**

Hubert Legal

Helena Jäderblom

Ursula Kirebaum

Jan Wouters

Christoph Walter Hermann

Javier Diez-Hochleitner

Alice Guimaraes-Purokoski

Barry Doherty

Tamara Capeta

Nico Schrijver

**Ir-Renju Unit:**

Sir Gerald Barling

Sir Christopher Bellamy

Zachary Douglas

Sir Patrick Elias

Dame Elizabeth Gloster

Sir Peter Gross

Toby Landau QC

Dan Sarooshi QC

Jemima Stratford QC

Sir Michael Wood